MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru. 1161/2006

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
BRIAN SCIBERRAS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Sciberras sive Gwardarobbi, ta' 30 sena, bin il-mejjet Saviour u Mary nee' Mercieca, imwieled Pieta' fit-28 ta' Mejju 1976, u residenti fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0291076(M), u akkuzat talli nhar it-31 t'Ottubru 2006, u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
(a) u aktar talli fix-xahar ta' Mejju 2006, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-

Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ sett borom tad-ditta Imco, liema valur ta’ l-imsemmija borom hu ta’ erba’ mitt Lira Maltin (Lm400), ghad-dannu ta’ ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) akkuzat ukoll talli fix-xahar ta’ Mejju 2006, mid-dar t’ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta’ diversi appliances u bjankerija, liema valur ta’ l-imsemmija oggetti hu ta’ madwar mitejn Lira Maltin (Lm200), ghad-dannu ta’ ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) u aktar talli fil-perjodu ta’ bejn ix-xahar t’Ottubru 2005 u Ottubru 2006, mid-dar t’ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta’ diversi oggetti tad-deheb, liema valur ta’ l-imsemmija deheb hu ta’ madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ghad-dannu ta’ ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) u aktar talli fil-perjodu ta’ bejn ix-xahar t’Ottubru 2005 u Ottubru 2006, mid-dar t’ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta’ diversi ilbies, liema valur ta’ l-imsemmija ilbies hu ta’ madwar mija u hamsin Lira Maltin (Lm150), ghad-dannu ta’ ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(e) u aktar talli nhar it-28 t’Ottubru 2006, mid-dar t’ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta’ vacuum cleaner tad-ditta Hoover, liema valur hu ta’ hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm55), ghad-dannu ta’ ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(f) u aktar talli matul ix-xahar t'Ottubru 2006, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' zewg statwi dekorattivi, liema valur hu ta' sittin Lira Maltin (Lm60), ghad-dannu ta' ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) u aktar talli fix-xahar ta' Jannar 2005, minn vettura ta' l-ghamla Skoda, mudell Felicia, ta' lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 686, li kienet ipparkeggjata fi Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Pioneer, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema stereo jiswa' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120), ghad-dannu ta' ohtu Samantha Baldwin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 268, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) u aktar akkuzat talli fix-xahar ta' Jannar 2005, ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-ghamla Skoda, mudell Felicia, ta' lewn hadrani u bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 686, li kienet tinsab parkeggjata fi Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda mhux izjed minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-detriment ta' ohtu Samantha Baldwin, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(i) u aktar talli matul ix-xahar t'Ottubru 2006, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' zewg Bird Callers, liema valur hu ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm45) rispettivament, ghad-dannu ta' huh Mario Jorkin Sciberras, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(j) akkuzat ukoll talli matul ix-xahar t'Ottubru 2006, u fil-granet u x-xhur ta' qabel, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' two-way radio, mudell MT 725 Cobra, u numru tas-serje mhux

maghruf, liema valur hu ta' tletin Lira Maltin (Lm30), ghad-dannu ta' huh Mario Jorkin Sciberras, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 263, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(k) u aktar talli matul ix-xahar t'Ottubru 2006, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' tlett gkieket tad-ditta Crocker, liema valur taghhom hu ta' disghin Lira Maltin (Lm90), ghad-dannu ta' huh Mario Jorkin Sciberras, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(l) u aktar talli fix-xhur ta' qabel Ottubru 2006, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' cross cut ta' l-ghamla, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema valur ta' din l-ghodda hu ta' erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm24), ghad-dannu ta' huh Mario Jorkin Sciberras, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(m) u aktar talli matul ix-xahar t'Ottubru 2006 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, mid-dar t'ommu, li tinsab fil-fond Numru 107, Maria Grazia, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, ikkommetta s-serq ta' spare key u hames Liri Maltin (Lm5) kontanti ghad-dannu ta' huh Mario Jorkin Sciberras, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 268, 269 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(n) akkuzat ukoll talli fl-istess zmenijiet, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(o) akkuzat ukoll talli nhar is-26 t'Ottubru 2006, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr munizzjon elenkat fl-skeda 1, minghajr il-licenzja taht il-Kap 480 ta' l-Att dwar l-Armi, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema saru definittivi.

Barra minn hekk, talli Brian Sciberras kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mid-9 ta' Novembru 2005.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita mill-Ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 70), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 65).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 28B, 49, 50, 18, 263, 267, 268, 269, 270, 271, 279, 280 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 5(1) tal-Kap 480, tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

In oltre, din il-Qorti testendi s-sentenza sospiza tal-4 ta' Novembru 2005, ghal sentejn ohra li jibdew mid-data ta' din is-sentenza, cioe' 23 ta' Mejju 2007.

Di piu’, din il-Qorti tirrakkomanda li l-imputat jaghmel program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------